III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/186/PESK

tat-3 ta' Marzu 2008

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2003 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK [1] dwar l-Iraq b'implimentazzjoni Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtá tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC), jiġifieri r-Riżoluzzjoni 1483(2003).

(2) Fit-18 ta' Diċembru 2007 l-UNSC adotta r-Riżoluzzjoni 1790(2007) li biha ddeċieda *inter alia* li l-arranġamenti speċifiċi dwar id-dħul mill-esportazzjonijiet Iraqini ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali, u dwar l-immunità minn proċeduri legali ta' ċerti assi Iraqini, kif imsemmija fir-Riżoluzzjoni UNSCR 1483(2003) u fir-Riżoluzzjoni UNSCR 1546(2004), għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2008.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK għandha għalhekk tiġi emendata.

(4) Hija neċessarja azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implementati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Mit-22 ta' Mejju 2003, id-dħul mill-kummerċ ta' l-esportazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat, u gass naturali mill-Iraq għandu jiġi ddepożitat fil-Fond Għall-Iżvilupp ta' l-Iraq skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1483(2003).";

(2) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 5:

"4. Il-privileġġi u l-immunitajiet previsti fil-paragrafi 1, 2(a), u 2(b) m'għandhomx japplikaw għall-ebda ġudizzju finali li jirriżulta minn obbligazzjoni kuntrattwali li l-Iraq ikkonkluda wara t-30 ta' Ġunju 2004.";

(3) fl-Artikolu 7, it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2008.".

Artikolu 2

L-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2004/553/PESK huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell 3 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PODOBNIK

[1] ĠU L 169, 8.7.2003, p. 72. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni Komuni 2004/553/PESK (ĠU L 246, 20.7.2004, p. 32).